SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 03-12

Illum it-Tnejn, 21 ta' Mejju 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-1.30 pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Terrance Ellul, Joe Bonello u Caroline Galea.

## ASSENTI

Il-Viċi Sindku Joe Balzan kien skużat għax indispost.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 2 li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' April 2012 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

### 1.1.1 Talba għall-kumpens

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.3 tal-laqgħa preċedenti u qal li kien kellem u spjega lir-resident involut dwar il-proċedura biex issir *claim* lil Insurance tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet kitbet uffiċjalment lil dan ir-resident dwar dan il-każ.

### 1.1.2 Manutenzjoni ta' Trejqa f'Wied Garnaw

Is-Sindku rrefera għal minuta numru 3.12 tal-laqgħa preċedenti u qal li għalkemm it-treqja li tagħti għat-Triq tal-Gudja mhix fil-konfini ta' Santa Luċija, il-Kunsill għandu jinforma lil Kunsill tal-Gudja dwar din it-talba.

### 1.1.3 Tabella edukattiva f'Xintill Roundabout

Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferit għal minuta 3.14 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet jekk kienx hemm xi *feedback* minn Trasport Malta dwar din it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jidher li għad ma kienx hemm deċiżjoni min-naħa ta' Trasport Malta.

### 1.1.4 Trasport Pubbliku

Is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu fir-rigward tat-trasport pubbliku, jidher li l-X3 u X2 ser jibdew jinkludu lil Santa Luċija fir-rotta tagħhom mit-tibdiliet li ser isegwu dawk li ser jiġu fis-seħħ fis-27 ta' Mejju 2012.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-23 ta' April 2012 u l-21 ta' Mejju 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 471/12/O – Primary Health Care – *Health Education Session*
- 473/12/O – Resident – Kumpens għall-ħsarat tal-vettura
- 536/12/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Skema 66/2011
- 545/12/O – Resident – Kumpens għall-ħsarat tal-vettura
- 546/12/O – Kuntrattur – Ġbir ta' skart imħallat
- 578/12/O – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Triq Inez Soler u l-iskema tal-PPP

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 494/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali - *Memo* 10/2010 - *Alternative Energy*
- 581/12/I – Estate Management Directorate – *Sites near Football Pitch*
- 691/12/I – Joe Bonello - Sotto Kumitat
- 526/12/I – Kunsill Lokali Naxxar – Elezzjonijiet 10 ta' Marzu 2012
- 533/12/I – Klabb tal-Bocci – Ittra ta' ringrazzjament
- 537/12/I – Ittra anonima – ilmenti
- 579/12/I – Meusac - *Funding Unit*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:***

- SLLC Memo 07/2012 – Triq Inez Soler
- SLLC Memo 08/2012 – L-aħħar żviluppi fuq ix-xogħol fi Triq Inez Soler
- SLLC Memo 09/2012 – Triq Inez Soler
- SLLC Memo 10/2012 – Triq Inez Soler

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 494/12/I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar *e-mail* mill-Estate Management Directorate li qed jitlob il-kummenti tal-Kunsill fir-rigward ta' talba li qed issir mill-Kunsill Malti għall-Isport biex jingħata numru ta' siti madwar il-*football pitch* ta' Santa Luċija. Il-Kunsill irrefera għal pjanta li fuqha kienu mmarkati s-siti mitluba u ddiskuta fit-tul din il-proposta. Is-Sindku nforma wkoll li l-Kunsill kien kiteb lil Kunsill Malti għall-Isport u talbu l-informazzjoni dettaljata tal-proġetti li qed jiġu proposti fl-*area* msemmija.

Il-Kunsill qabel li billi jidher li l-proġetti tal-Kunsill Malti għall-Isport jista' jkollhom impatt kbir fuq il-lokalita' u l-komunita' ta' Santa Luċija, il-Kunsill għandu jkollu informazzjoni dwar il-proposta sħiħa biex ikun jista' jagħmel il-kummenti tiegħu. Il-Kunsill qabel ukoll li fiċ-ċirkustanzi għandha tintalab laqgħa urġenti mal-Kunsill Malti għall-isport.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 533/12/I is-Sindku qal li meta ittra tkun anonima huwa jħoss li m'għandux jiddiskutiha. Huwa qal biss li jekk din tkun tinkludi xi rapport ta' ksur tal-liġi, għandha tintbagħt għall-attenzjoni tal-pulizija.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 579/12/I is-Sindku qal li l-Meusac qed jitolbu li jindirizzaw il-Kunsill dwar is-servizz li joffri l-*funding unit*. Huwa qal li rappreżentant tal-Meusac jista' jiġi mistieden jindirizza l-Kunsill fil-laqgħa li jmiss.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 494/12/I is-Sindku rrefera għall-iskema 10/2012 – *Alternative Energy* u nforma l-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qed jagħti sal-31 ta' Jannar 2013 biex isiru l-*claims* marbuta ma' proġetti li jaqgħu taħt din l-iskema. Huwa qal li l-fondi li ser jingħataw lil Kunsill m'humiex biżżejjed biex isiru l-PV's. Huwa qal ukoll li hemm iċ-ċans li r-Reġjun iqassam xi fondi mabuta ma' proġetti ta' l-enerġija alternattiva. Huwa qal li f'dak il-każ il-Kunsill ikun jista' juża dawn il-flus għal dan il-proġett.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Żjara mill-E.T. l-Ambaxxatur Ċiniż għall-Malta*

Is-Sindku nforma lil Kunsill dwar żjara ta' kortesija li għamillu l-Ambaxxatur taċ-Ċina l-E.T is-Sur Cai Jinbiao. Huwa qal li kif tkellem ma' l-Ambaxxatur, ir-relazzjonijiet ta' ġemellaġġ ma' Jin Chang m'għadhomx bħal ma kienu u birdu xi ftit minn dik li hija komunikazzjoni. Huwa qal li minkejja dan sew minn naħa ta' l-ambaxxata kif ukoll minn naħa tal-Kunsill hemm stennija kbira għall-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'.

### 4.2 *Health and Fitness Classes*

Is-Sindku rrefera għall-*fitness classes* li għaddejjin bħalissa u qal li dawn kienu suċċess u ntlaqgħu tajjeb ħafna mir-residenti. Huwa qal li issa dawn waslu biex jispiċċaw u qed issir talba biex jingħata bidu għal kors ieħor. Is-Sindku qal li qed jiġi propost li ssir *yoga* u *fitness class* b'eżerċizzji aktar moderati mmirata lejn residenti ta' madwar sittin sena jew aktar.

### 4.3 *Siġar tal-Palm f' Dawret it-Torri*

Il-Kunsilliera Caroline Galea tkellmet dwar is-siġar tal-palm li hemm f'Dawret it-Torri u li huma vittmi tal-*red palm weevil*. Is-Sindku qal li dawn ser jinqalgħu u minflokhom ser jinżergħu siġar tal-*washingtonia* għax din l-ispeċi ma jattakkahiex il-*weaver*.

### 4.4 *Insurance tal-Kunsill*

Il-Kunsill iddiskuta t-tiġdid ta' l-*insurance* tal-Kunsill u qabel li dan il-ftehim jiġġedded għal xahrejn u tinħareġ sejħa għall-offerti.

### 4.5 *Korsijiet tal-Computer*

Il-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' TCTC biex jiġu organizzati korsijiet tal-*computer* għat-tfal fis-Sajf u għall-kbar fix-Xitwa. Kien hemm qbil li tinġieb aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva.

### 4.6 *Kontravenzjoni fi Triq id-Dawl*

Is-Sindku rrefera għal kontravenzjoni tat-traffiku li ngħatat lil resident minn Santa Luċija fi Triq id-Dawl meta f'din it-triq kien hemm tabella tal-*one-way* li twaħħlet bi żball. Huwa qal li filfatt din it-tabella ġiet imneħħija mill-Kunsill. Fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill qabel li tintbagħt ittra lir-Reġjun Nofsinhar fejn issir talba biex il-penali mħallsa tiġi rifonduta lil dan ir-resident.

**4.7** Il-Kunsillier Joe Bonello informa l-Kunsill li kien ser iwaqqaf sotto-kumitat tad-dekasteru tiegħu. Huwa qal li dan is-sotto-kumitat ser ikun iffurmat minn dawn il-membri:

- Ann Cutajar
- Jane Pace
- Paulette Gafa`

**4.8** ***Ilmenti u Suġġerimenti***

**4.8.1** B'referenza għall-ilment numru 17/12 il-Kunsill qabel li tintbagħt ittra lis-sidien tal-ħwienet fi Triq Inez Soler biex il-kaxxi tal-kartun jinħarġu fil-ħin u mhux tard bil-konsegwenza li meta jkun ir-riħ jispiċċaw fil-parpapetti tan-nies.

**4.8.2** B'referenza għas-suġġeriment 18/05 ġie nnutat li karrozza bla numru fi Triq Għeneb id-Dib kienet tneħħiet u li l-*parking* tad-*disabled* għadu jintuża.

**4.8.3** B'referenza għas-suġġeriment numru 19/12 ser isir rapport lil Awtorita' tad-Djar biex tiġi rranġata r-rampa ta' l-entratura tal-*flat*.

**4.8.4** B'referenza għas-suġġeriment numru 15/12, it-talba biex issir *parking bay* għal mutur fejn block 2 fi Triq il-Ġnien ma ġietx milqugħa.

**4.9** **Ħinijiet tal-Ġbir ta' Skart imħallat**

Il-Kunsill iddiskuta talba tal-kuntrattur li jiġbor l-iskart imħallat li qed jipproponi li l-ġabra tibda fil-5.00p.m minflok fis-6.00p.m. il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni, biss qabel li meta jkun ser jibda s-servizz bil-ħinijiet il-ġodda l-kuntrattur għandu javża lir-residenti b'avviż kull dar bi spejjeż tiegħu.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4051 sa numru BOV4069 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-18 ta' April 2012 u l-10 ta' Mejju 2012 (Skeda nru. CM02).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 02-12 (23-04-2012)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2012 Ammont *Gross* €5029.59

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Karmig Trading Ltd. | RM/PF(57/09/02) | 1034 | 519.20 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns/Mkgs* | 16283 | 171.00 |
| Vodafone Malta Ltd. | 312952 | CM-PABX April 2012 | 82.86 |
| Ronald Bezzina | (SS)57/09/01) | Servizz April 12 | 1131.53 |
| Ronald Bezzina | (RC)5710/01 | Servizz April 12 | 2783.50 |
| ELC Ltd. | Pkg 57 | Servizz April 21 | 2061.50 |

## 6. MANAGEMENT LETTER

Il-Kunsill iddiskuta l-*management letter* li rċieva l-Kunsill fl-4 ta' Mejju 2012 wara li sar il-proċess ta' l-awditjar tal-finanzi tal-Kunsill għas-sena 2011. Peress li kopja ta' dan ir-rapport kien diġa ntbagħt lil Kunsillieri kollha saru xi kummenti dwar il-*petty cash* u d-depositi tal-flus fil-banek. Issemma b' mod partikolari s-*surplus* li kellu l-Kunsill sa l-aħħar tas-sena 2011 li kien jammonta għas-somma ta' €25,405 u ġie nnutat li dan huwa ftit inqas minn 10% tas-somma allokata lil Kunsill, kif rikjest mill-Att dwar il-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tlesti t-tweġiba tal-Kunsill li kopja tagħha għandha tintbagħt għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill qabel tintbagħt lil Awditur Ġenerali.

## 7. SANTA LUĊIJA ACTION PLAN AND ENVIRONMENT PROGRAMME

Is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar irrefera għad-dokument hawn fuq imsemmi li ġie mħejji minn Dr Malcolm Borg ta' Heritage Enterprise Consultancy u li kopja tiegħu kienet intbagħtet lil membri kollha tal-Kunsill. Huwa qal li kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti huwa kien stieden lil Dr Malcolm Borg biex jagħmel *presentation* dwar dan id-dokument.

Fl-indirizz tiegħu Dr Borg qal li dan id-dokument huwa Pjan ta' Azzjoni dwar proġetti tal-Kunsill li jistgħu jiġu ffinanzjati minn fondi strutturali ta' l-Unjoni Ewropea meta joħorġu sejħiet bħal ESF u ERDF. Huwa saħaq fuq l-importanza li l-Kunsill jaħseb minn kmieni u jkun ipprepart sew bil-pjanijiet u proġetti tiegħu. Dr Borg semma wkoll il-Convenant of Mayors li tiegħu l-Kunsill huwa membru u qal li dan il-ftehim iġorr miegħu *commitments* li daħal għalihom il-Kunsill. Huwa semma l-proġett ta' l-installazzjoni ta' LED *lightning system* fil-Jogging Track li huwa proġett *in line* mal-*policy* tal-Convenant of Mayors.

Dr Borg qal li kien fassal dan il-pjan fuq il-prioritajiet tal-Kunsill u ta spjegazzjoni ta' diversi proġetti li ġew inklużi f'dan il-pjan.

Is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar irringrazzja lil Dr Borg tal-*presentation* tiegħu. Fil-kummenti tiegħu huwa qal li bħalissa l-aktar ħaġa li tinkwietaħ kienet il-problema tal-*co-financing* peress li l-fond huwa magħluq. Huwa qal li fit-28 ta' Mejju 2012 kien ser jattendi għal-laqgħa ta' informazzjoni tal-PPCD. Huwa semma diversi proġetti fil-pjanijiet tal-Kunsill, fosthom il-proġett tal-*fotovoltaic cells* tul Wied Garnaw, il-wiċċ sintetiku fil-Jogging Track, iċ-Ċentru tal-Komunita' u l-kunċett ta' 'Aging in Place' immirat biex l-anzjani jiffaċilitalhom il-ħajja tagħhom u semma l-installazzjoni ta' aktar *lifts* fil-binjiet tal-Gvern.

Il-Kunsilliera Caroline Galea ipproponiet li jsir *research project* fuq ġbir ta' *data* dwar ir-residenti fil-lokalita' biex tkun tista' tintuża fit-tfassil tal-proġetti li qed jimmira għalihom il-Kunsill. Din il-proposta ntlaqat tajjeb mill-Kunsill u Dr Borg kien ser jinkludiha bħala *priority* fl-*Action Plan* għal-lokalita' ta' Santa Luċija.

## 8. ATTIVITAJIET GĦAL JUM SANTA LUĊIJA

Is-Sindku rrefera għall-attivitajiet li qed iħejji l-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija. Huwa qal li l-attivitajiet ser ikunu mqassmin kif ġej:

- 6 ta' Lulju 2012 - Attivita' b'risq Puttinu Cares li qed tiġi organizzata mill-Kunsillier Terrence Ellul bil-kollaborazzjoni ta' Rene Borg u Angelica Borg ta' Puttinu Cares Foundation.

- 7 ta' Lulju 2012 – Serata ta' Talent Lokali li magħtulha jingħata Ġieħ Santa Luċija

- 8 ta' Lulju 2012 – *Show* minn Gilianne Attard.

Is-Sindku qal li l-kordinazzjoni tas-serati qed issir mis-Sur Siro Camilleri resident minn Santa Luċija

Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għan-nominazzjonijiet għall-Ġieħ Santa Luċija b'effett immedjat. Is-Sindku qal li l-Kunsill jiġi mgħarraf permezz ta' *memo* hekk kif jinġabru l-ispejjeż kollha nvoluti.

## 9. XOGĦOLIJIET

### 9.1 *Triq Inez Soler*

Is-Sindku tkellem dwar Triq Inez Soler u qal li din issa tinsab magħluqa bit-*tarmac*. Huwa qal li hemm xi *areas* fejn qed iżomm l-ilma iżda l-periti qed jieħdu ħsieb dawn il-problemi tekniċi. Huwa qal li issa Triq Inez Soler tinsab miftuħa għat-traffiku sakemm jibda x-xogħol fuq Triq Ġuljetta Lopez. Huwa qal li wara Triq Guljetta Lopez jibda x-xogħol fuq Triq il-Ġnien.

### 9.2 *Latrina Pubblika*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-proġett tal-latrina pubblika qiegħed fil-fażi finali tiegħu. Fil-fatt huwa qal li l-kuntrattur li ġie nkarigat mill-apperturi qed iżomm lil Kunsill milli jiffinalizza dan il-proġett. Huwa qal li l-bibien ta' barra ma sarux skond l-i*specifications* tas-sejħa, mimlijin difetti u għalih mhumiex aċċettabli. Huwa qal li l-każ jinsab f'idejn il-periti tal-Kunsill li ser jinfurmaw lil kuntrattur b'dawn in-nuqqasijiet.

### 9.3 *Xogħolijiet żgħar fuq manutenzjoni ta' toroq u bankini*

Il-Kunsill approva talbiet għal xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' toroq u bankini kif ġej:

- Tiswija ta' bankina fi Trejqet iż-Żahar
- Il-bankina fil-kantuniera bejn Dawret it-Torri u Triq il-Begonja issir *easy bend*
- Tindif u manutenzjoni ta' *gutter* fi Triq il-Lellux.

**10. TMIEM / AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.00p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnejn, 25 ta' Ġunju 2012 fis-1.30p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum _________, ta' _________ 2012**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**